PARLAMENT EWROPEW
2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2011/0438(COD)**

15.10.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku
(COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD))

Rapporteur: Giuseppe Gargani

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-akkwist pubbliku jrid jintuża biex jikkontribwixxi għat-twettiq ta' suq uniku u biex jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-Istati Membri. Fl-Ewropa, l-awtoritajiet pubbliċi jonfqu madwar 18 % tal-PDG fuq il-prodotti, ix-xogħlijiet u s-servizzi.

Ir-rapporteur għal opinjoni jemmen li l-aġġornament tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku jrid iwieġeb il-prinċipji li ġejjin:
- simplifikazzjoni tal-proċeduri favur l-operaturi ekonomiċi kollha;
- tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni tal-SMEs;
- garanzija tal-aħjar riżultati possibbli f'termini tar-rapport bejn il-kwalità u l-prezz;
- użu tal-fondi pubbliċi b'mod effiċjenti u trasparenti.

Skont ir-rapporteur għal opinjoni, il-proposta tal-Kummissjoni tidher li sejra fid-direzzjoni t-tajba fir-rigward, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin:
- Il-modernizzazzjoni tal-proċeduri: L-awtoritajiet kontraenti se jkunu jistgħu jiddeċiedu f'liema ordni jeżaminaw il-kriterji (jiġifieri jekk huwiex aktar prattiku li jiġu vvalutati il-kriterji aġġudikati qabel dawk tal-għażla) u biex jitqies, billi huwa kriterju ta' aġġudikatura, tal-organizzazzjoni u tal-kwalità tal-persunal inkarigat li jwettaq il-kuntratt.
- L-awtoritajiet kontraenti se jkollhom id-dritt li jeskludu l-operaturi ekonomiċi li urew nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq tal-kuntratti preċedenti.
- L-awtoritajiet kontraenti se jkunu jistgħu jaċċettaw kandidati jew offerenti minkejja li tkun teżisti xi raġuni biex jiġu esklużi, jekk dawn ikunu ħadu miżuri xierqa sabiex jirrimedjaw kwalunkwe aġir illegali u jipprevjenu effettivament konsegwenzi ulterjuri tal-imġiba mhux korretta.

Ir-rapporteur għal opinjoni qed iqis li jressaq xi emendi b'valur legali għall-proposta leġiżlattiva mressqa mill-Kummissjoni, bil-għan li tissaħħaħ u tiġi aġġornata d-dispożizzjoni eżistenti li tirregola l-akkwist pubbliku fl-Ewropa.

L-opinjoni preżenti tenfasizza s-sitwazzjoni kritika tal-proposti msemmija fit-test, taħt l-aspett legali, bl-għan li tikkontribwixxi għaċ-ċertezza legali.

Ir-rapporteur għal opinjoni jirrikonoxxi s-sitwazzjonijiet kritiċi li ġejjin:

- Il-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel trid tirrappreżenta eċċezzjoni fil-firxa kbira tal-proċeduri disponibbli mid-direttiva u għalhekk jitqies li huwa xieraq li jiġu previsti ammonti massimi li ma jistgħux jinqabżu (500.000 Eur għax-xogħlijiet u 100.000 Eur għas-servizzi).

- L-użu tal-varjanti: sabiex jiġi evitat użu mhux xieraq ta' strument bħal dan, huwa neċessarju li jiġi ffissat prezz massimu għall-varjant stess, li jrid jiddaħħal fir-rekwiżiti minimi msemmija fid-dokumenti għas-sejħiet għal offerti.

- Il-possibilità li jinqasam il-kuntratt f'lottijiet konformi mal-objettivi tas-simplifikazzjoni u l-effiċjenza stabbiliti mid-direttivi. Sabiex dan ikun jista' jissimplifika l-attività tal-Awtorità Pubblika u fl-istess ħin jiffavorixxi l-parteċipazzjoni tal-impriżi żgħar-medji fis-sejħiet għal offerti, huwa neċessarju li tiġi prevista valutazzjoni ex ante dwar il-bżonn li tintuża din il-

possibilità jew le.

- Bl-istess mod jaqbel li jiġi limitat ir-rikors għall-intervent ta' impriża biss għall-akkwist tar-rekwiżiti ta' natura materjali (rekwiżiti ekonomiċi-finanzjarji). Sabiex ikun hemm aktar ċertezza legali u ekonomika, hemm bżonn tissaħħaħ ir-responsabilità konġunta bejn l-operaturi ekonomiċi li teħtieġ li tagħmel użu mir-rekwiżiti ta' entitajiet ekonomiċi oħrajn u dawn tal-aħħar. B'dan il-mod tkun tista' tingħeleb l-inċertezza dwar it-twettiq tal-ħidma marbuta ma' dan il-kunċett. Minħabba li huma interventi pubbliċi, irid ikun massimizzat il-kontroll tal-użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi.

- Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, fis-sentenza tiegħu Nru. 76 tas-7 ta' Ottubru 2004, stabbilixxa li t-twaqqif, f'termini astratti u ġenerali, ta' kriterju uniku ta' attribuzzjoni mhuwiex biss f'kuntrast mal-liġi Komunitarja, imma jċaħħad ukoll lill-awtoritajiet kontraenti mill-possibilità li jqisu l-karatteristiċi ta' kull kuntratt u milli jagħżlu għal kull wieħed minn dawn l-aktar kriterju xieraq biex tiġi ggarantita l-kompetizzjoni ħielsa u l-għażla tal-aħjar offerta. Huwa għalhekk mixtieq li l-awtoritajiet kontraenti jsegwu approċċ ibbażat fuq il-kost/effikaċja.

- Fil-każ li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tipprevedi l-użu ta' sottokuntratti, huwa xieraq li jiddaħħal l-obbligu ta' pagament dirett mill-awtorità kontraenti lis-sottokuntrattur. Għalhekk jingħeleb ir-riskju ta' nuqqas ta' pagament għal servizzi provduti, filwaqt li tiġi żgurata b'mod partikolari ċertezza ekonomika akbar għall-SMEs.

- Il-bidliet fil-kuntratti li għadhom validi, jekk ikunu sostanzjali, jeħtieġu proċedura ġdida tal-kuntratt. Il-limitu ta' 5% tal-prezz tal-kuntratt inizjali jaf ma jkunx biżżejjed għall-għanijiet tal-valutazzjoni tal-bidla sostanzjali tal-kuntratt. Il-Kummissjoni indikat fil-proposta tagħha li l-bidla hija sostanzjali jekk taqbeż il-5% tal-prezz tal-kuntratt inizjali u tagħmel deroga għal din id-dispożizzjoni jekk iż-żieda fil-prezz ma tkunx ogħla minn 50% tal-valur tal-kuntratt inizjali. Jitqies xieraq li l-limitu jitla' għal 10% tal-prezz tal-kuntratt inizjali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jitlob lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jiġu inkorporati fir-rapport tiegħu l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Skont ***l-Artikolu 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali | (5) Skont ***l-Artikolu 9, 10 u 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali***, bil-*** |

| | |
|---|---|
| għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, ***b'mod partikolari*** bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u ***l-promozzjoni*** tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu jistgħu jiksbu l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom. | ***promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni, it-taħriġ u ħarsien tas-saħħa tal-bniedem*** għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ***soċjalment u ambjentalment*** sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu ***jużaw il-poter diskrezzjonali tagħhom, fid-definizzjoni u l-għoti ta' akkwisti pubbliċi, biex*** jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent ***għall-benesseri soċjali*** u ***għall-promozzjoni*** tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu jistgħu jiksbu l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni dwar l-Impatt u l-Effikaċja tal-Leġiżlazzjoni tal-Akkwist Pubbliku tal-UE urew li l-esklużjoni ta' ċerti servizzi mill-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva għandha tiġi riveduta. Bħala riżultat, l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva hija estiża għal numru ta' servizzi (bħal servizzi tal-lukandi ***u legali***, li ***t-tnejn*** *urew* perċentwal partikolarment għoli ta' kummerċ transkonfinali). | (10) Ir-riżultati tal-Evalwazzjoni dwar l-Impatt u l-Effikaċja tal-Leġiżlazzjoni tal-Akkwist Pubbliku tal-UE urew li l-esklużjoni ta' ċerti servizzi mill-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva għandha tiġi riveduta. Bħala riżultat, l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva hija estiża għal numru ta' servizzi (bħal servizzi tal-lukandi, li *wrew* perċentwal partikolarment għoli ta' kummerċ transkonfinali). |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-servizzi legali, ta' natura purament fiduċjarja u marbuta mat-tradizzjonijiet tal-Istati Membri, iridu jkunu esklużi mill-proposta tad-direttiva għax jeħtieġu valutazzjoni tal-elementi suġġettivi marbuta mal-esiġenzi partikolari tal-awtorità kontraenti.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Hemm inċertezza legali kbira dwar kemm il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi koperta mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija interpretata b'mod differenti bejn l-Istati Membri u anki bejn l-awtoritajiet kontraenti. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi ċċarat f'liema każijiet, il-kuntratti konklużi bejn l-awtoritajiet kontraenti mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Din il-kjarifika għandha tkun iggwidata mill-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sempliċi fatt li ż-żewġ partijiet fi ftehim huma awtoritajiet kontraenti huma stess, fih innifsu ma jeskludix l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist. Madankollu, l-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku ma għandhiex itellef il-libertà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu kif jorganizzaw il-mod li bih iwettqu x-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tagħhom. Għaldaqstant, il-kuntratti mogħtija lill-entitajiet ikkontrollati jew il-kooperazzjoni għall-eżekuzzjoni konġunta tax-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti għandhom jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-direttiva jiġu sodisfatti. Din id-direttiva għandu jkollha l-għan li tiżgura li kull kooperazzjoni eżentata bejn l-awtoritajiet pubbliċi ma tikkawżax tgħawwiġ fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-atturi ekonomiċi privati. Il-parteċipazzjoni ta' awtorità kontraenti bħala offerent fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt ta' appalt lanqas ma għandha tikkawża tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. | (14) Hemm inċertezza legali kbira dwar kemm il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi koperta mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija interpretata b'mod differenti bejn l-Istati Membri u anki bejn l-awtoritajiet kontraenti. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi ċċarat f'liema każijiet, il-kuntratti konklużi bejn l-awtoritajiet kontraenti mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Din il-kjarifika għandha tkun iggwidata mill-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sempliċi fatt li ż-żewġ partijiet fi ftehim huma awtoritajiet kontraenti huma stess, fih innifsu ma jeskludix l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist. Madankollu, l-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku ma għandhiex itellef il-libertà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu kif jorganizzaw il-mod li bih iwettqu x-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tagħhom. Għaldaqstant, il-kuntratti mogħtija lill-entitajiet ikkontrollati jew il-kooperazzjoni għall-eżekuzzjoni konġunta tax-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti għandhom jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-direttiva jiġu sodisfatti. ***Il-kooperazzjoni bejn ix-xandara tas-servizz pubbliku, kif ukoll bejn ix-xandara tas-servizz pubbliku u n-negozji sussidjarji tagħhom għandhom jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, sakemm ikunu soġġetti għar-regolamenti speċifiċi Ewropej dwar il-kompetizzjoni, biex jiġi evitat it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni.*** Din id-direttiva għandu jkollha l-għan li tiżgura li kull kooperazzjoni eżentata bejn l- |

| | |
|---|---|
| | awtoritajiet pubbliċi ma tikkawżax tgħawwiġ fil-kompetizzjoni fir-rigward tal-atturi ekonomiċi privati. Il-parteċipazzjoni ta' awtorità kontraenti bħala offerent fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt ta' appalt lanqas ma għandha tikkawża tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-liġi dwar il-kompetizzjoni għandha tieħu preċedenza: Skont ir-regoli tal-akkwist għall-attivitajiet li jsiru 'in-house', il-"persuni ġuridiċi kkontrollati" għandhom jimpenjaw ruħhom abbażi tar-rimborż għall-ispejjeż, li mhuwiex kompatibbli mal-prinċipji tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni. In-negozji sussidjarji tal-entitajiet skont id-dritt pubbliku għandhom jimxu b'mod konformi mas-suq. Barra minn hekk, fix-xandir huwa legalment meħtieġ skop differenti tax-xandara u s-sussidjarji, fl-implimentazzjoni tal-kompromessi għall-għajnuna.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Minħabba l-effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni, il-proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt għandhom jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna. Din l-eċċezzjoni ***għandha tkun*** limitata għal każijiet fejn il-pubblikazzjoni ma tkunx possibbli, minħabba raġunijiet ta' force majeure skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew fejn ikun ċar mill-bidu nett li l-pubblikazzjoni mhux se toħloq aktar kompetizzjoni, b'mod speċjali minħabba li jkun hemm oġġettivament attur ekonomiku wieħed biss li jista' jwettaq il-kuntratt. L-użu ta' proċedura negozjata mhux ippubblikata jista' jiġi ġġustifikat biss f'sitwazzjonijiet ta' għan esklussiv, fejn is-sitwazzjoni ta' esklussività ma tkunx inħolqot mill-awtorità kontraenti stess għall-għanijiet ta' proċedura ta' akkwist tal-futur, u fejn m'hemm l-ebda sostitut xieraq, li d-disponibilità tagħhom għandha | (18) Minħabba l-effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni, il-proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt għandhom jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna ***u b'ġustifikazzjoni adegwata, li trid tintbagħat lill-awtorità tal-governanza kif definit fl-Artikolu 84***. Din l-eċċezzjoni ***hija*** limitata għal każijiet fejn il-pubblikazzjoni ma tkunx possibbli, minħabba raġunijiet ta' force majeure skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew fejn ikun ċar mill-bidu nett li l-pubblikazzjoni mhux se toħloq aktar kompetizzjoni, b'mod speċjali minħabba li jkun hemm oġġettivament attur ekonomiku wieħed biss li jista' jwettaq il-kuntratt. L-użu ta' proċedura negozjata mhux ippubblikata jista' jiġi ġġustifikat biss f'sitwazzjonijiet ta' għan esklussiv, fejn is-sitwazzjoni ta' esklussività ma tkunx inħolqot mill-awtorità kontraenti stess għall-għanijiet ta' |

| | |
|---|---|
| tiġi evalwata fil-fond. | proċedura ta' akkwist tal-futur, u fejn m'hemm l-ebda sostitut xieraq, li d-disponibilità tagħhom għandha tiġi evalwata fil-fond. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet perikolużi tal-kompetizzjoni, l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel irid ikun eċċezzjoni. F'dan is-sens, huwa opportun li jiġu ffissati ammonti massimi li ma jistgħux jinqabżu.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jitrawwem l-involviment tal-SMEs fis-suq tal-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu mħeġġa jiddividu l-kuntratti f'lottijiet u jkunu obbligati jispjegaw għalfejn ma jkunux għamlu dan. Meta l-kuntratti jinqasmu f'lottijiet, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, pereżempju sabiex jippreservaw il-kompetizzjoni jew jiżguraw is-sigurtà tal-provvista, jillimitaw l-għadd ta' lottijiet li jista' jressaq offerta għalihom l-attur ekonomiku; jistgħu jillimitaw ukoll in-numru ta' lottijiet li jistgħu jiġu aġġudikati lil xi offerent partikolari. | (30) Sabiex jitrawwem l-involviment tal-SMEs fis-suq tal-akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu mħeġġa jiddividu l-kuntratti f'lottijiet u jkunu obbligati jispjegaw għalfejn ***ikunu għamlu dan jew*** ma jkunux għamlu dan. Meta l-kuntratti jinqasmu f'lottijiet, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, pereżempju sabiex jippreservaw il-kompetizzjoni jew jiżguraw is-sigurtà tal-provvista, jillimitaw l-għadd ta' lottijiet li jista' jressaq offerta għalihom l-attur ekonomiku; jistgħu jillimitaw ukoll in-numru ta' lottijiet li jistgħu jiġu aġġudikati lil xi offerent partikolari. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tqassim tas-sejħiet għal offerti f'lottijiet irid jikkostitwixxi valutazzjoni minn qabel u sistematika minn naħa tal-awtorità kontraenti. Kemm it-tqassim f'lottijiet kif ukoll in-nuqqas ta' tqassim iridu madankollu jkunu ġustifikati. Fil-formulazzjoni attwali, id-deċiżjoni biex ma jkunx hemm tqassim f'lottijiet biss trid tiġi ġustifikata.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) L-offerti li jidhru baxxi b'mod anormali fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jistgħu jkunu bbażati fuq assunzjonijiet jew prattiċi li teknikament, ekonomikament jew legalment mhumiex sodi. Sabiex jiġu evitati żvantaġġi possibbli matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu obbligati li jitolbu spjegazzjoni tal-prezz mitlub meta offerta tkun ferm orħos mill-prezzijiet mitluba minn offerenti oħra. Fejn l-offerent ma jkunx jista' jipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti, l-awtorità kontraenti għandha ***tkun intitolata li*** tirrifjuta l-offerta. L-awtorità kontraenti għandha tkun obbligata li tirrifjuta, f'każijiet fejn tkun stabbiliet li l-prezz baxx b'mod anormali mitlub ikun irriżulta min-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ***obbligatorja*** tal-Unjoni fl-oqsma tal-liġi soċjali, tax-xogħol jew ambjentali ***jew id-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol***. | (42) L-offerti li jidhru baxxi b'mod anormali fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jistgħu jkunu bbażati fuq assunzjonijiet jew prattiċi li teknikament, ekonomikament jew legalment mhumiex sodi. Sabiex jiġu evitati żvantaġġi possibbli matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu obbligati li jitolbu spjegazzjoni tal-prezz mitlub meta offerta tkun ferm orħos mill-prezzijiet mitluba minn offerenti oħra. Fejn l-offerent ma jkunx jista' jipprovdi spjegazzjoni suffiċjenti, l-awtorità kontraenti għandha tirrifjuta l-offerta. L-awtorità kontraenti għandha tkun obbligata ***wkoll*** li tirrifjuta, f'każijiet fejn tkun stabbiliet li l-prezz baxx b'mod anormali mitlub ikun irriżulta min-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ***nazzjonali, internazzjonali u Ewropea*** tal-Unjoni***, b'mod partikolari*** fl-oqsma tal-liġi soċjali, tax-xogħol jew ambjentali. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 43 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(43a) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tal-akkwist pubbliku, l-istrument tas-sottokuntrattar irid jiġi rregolat b'mod korrett, sabiex jiżgura li l-akkwist pubbliku jitwettaq bi qbil mal-offerta. Is-sottokuntrattar għandu jkun limitat għal massimu ta' tliet sottokuntratti vertikali konsekuttivi, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali aktar ristrettiva f'dan il-qasam.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48 a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(48 a) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jirrispettaw id-dewmien ta' pagament kif stabbilit fid-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali[1].*** |
| | ***______________*** |
| | ***[1] ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha li jiddeċiedu jekk, kif u sa liema punt għandhom iwettqu funzjonijiet pubbliċi huma stess. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jwettqu kompiti ta' interess pubbliku billi jużaw ir-riżorsi tagħhom stess, mingħajr ma jkunu obbligati li jirrikorru għal atturi ekonomiċi minn barra. Dan jistgħu jagħmluh b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt 6 – test introduttorju**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (6) '***korpi regolati*** mil-liġi pubblika' tfisser ***korpi li għandhom il-karatteristiċi*** kollha li ġejjin: | (6) '***korp regolat*** mil-liġi pubblika' tfisser ***korp li għandu l-karatteristiċi*** kollha li ġejjin: |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt 6 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***huma stabbiliti għal jew għandhom l-għan*** speċifiku li ***jaqdu*** l-bżonnijiet fl-interess pubbliku, li ma ***għandux*** karattru industrijali ***jew*** kummerċjali; ***Għal dak l-għan, korp li jopera fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, għandu l-għan li jagħmel profitt, u jerfa' t-telf li jirriżulta mill-eżerċitar tal-attività tiegħu, ma għandux l-għan li jaqdi l-bżonnijiet fl-interess pubbliku, li ma għandux karattru industrijali jew kummerċjali;*** | (a) ***huwa stabbilit bl-għan*** speċifiku li ***jissodisfa*** l-bżonnijiet fl-interess pubbliku, li ma ***għandhomx*** karattru ***sempliċement*** industrijali ***u*** kummerċjali; |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***għandhom*** personalità ġuridika; | (b) ***ikollha*** personalità ġuridika; |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) 'kuntratti ta' provvisti pubbliċi' tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala objettiv tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr għażla li tixtri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' ***tqegħid fil-post*** u installazzjoni; | (10) 'kuntratti ta' provvisti pubbliċi' tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala objettiv tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr għażla li tixtri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi ***l-għoti mifhum bħala forniment f'aktar minn soluzzjoni waħda. Kuntratt ta' forrnituri jista' jinkludi***, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' ***bini*** u installazzjoni; |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 8a*** |
| | ***Esklużjonijiet speċifiċi fil-qasam ta' servizz oħra għajr servizzi postali*** |
| | ***Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi għall-għan prinċipali li l-awtoritajiet kontraenti jiġu permessi li jipprovdu servizzi oħra għajr servizzi postali.*** |
| | ***Għar-raġunijiet ta' din id-Direttiva, "servizzi oħra għajr servizzi postali" tfisser servizzi provduti fl-oqsma li ġejjin:*** |
| | ***(i) servizzi ta' ġestjoni tas-servizzi tal-posta (servizzi li jseħħu qabel u wara d-dispaċċ, inklużi "servizzi tal-ġestjoni tal-kamra tal-ittri");*** |
| | ***(ii) servizzi b'valur miżjud marbuta ma' u mogħtoja għal kollox permezz ta' mezzi elettroniċi (inklużi t-trażmissjoni sigura ta' dokumenti kodifikati permezz ta' mezzi elettroniċi, servizzi ta' ġestjoni tal-indirizzi u trażmissjoni ta' posta elettronika rreġistrata);*** |
| | ***(iii) servizzi rigward oġġetti postali mhux inklużi f'punt (a) tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet, bħal posta diretta mingħajr ebda indirizz jew kunsinna ta' materjal tar-riklamar mingħajr indirizzi;*** |
| | ***(iv) servizzi finanzjarji, kif definiti fis-CPV taħt in-numru ta' referenza minn 66100000-1 sa 66720000-3 u fl-Artikolu 19 (c) u inkluż b'mod partikolari servizz ta' ordnijiet ta' flus postali u trasferimenti ġiro postali;*** |
| | ***(v) servizzi filateliċi;*** |
| | ***(vi) servizzi loġistiċi (servizzi li jikkombinaw kunsinna fiżika u/jew il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħażna ma' funzjonijiet mhux postali oħra).*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-akkwist, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' materjal ***għall-programm*** maħsuba għas-servizzi awdjoviżivi tal-midja, li huma mogħtija mix-xandara, jew ***il-kuntratti għal ħin ta' xandir li huma mogħtija lill-fornituri tas-servizz awdjoviżiv*** tal-midja; | (b) l-akkwist, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' materjal ***għall-programmi*** maħsuba għas-servizzi ***tal-awdjo u*** awdjoviżivi tal-midja, li huma mogħtija mix-xandara, ***u servizzi preparatorji assoċjati magħhom, kif ukoll il-kuntratti dwar ix-xandir*** jew ***id-distribuzzjoni u t-trażmissjoni tas-servizzi*** tal-midja; |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni għandha tinkludi wkoll l-offerti tar-radju u l-internet.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni; | (c) is-servizzi ***legali,*** ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni; |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba n-natura diskrezzjonali u fiduċjarja partikolari li tirregola s-servizzi legali, huwa xieraq li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva preżenti.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) is-servizzi finanzjarji marbuta mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' Titoli jew strumenti finanzjarji oħra skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, is-servizzi tal-bank ċentrali u l-operazzjonijiet imwettqa mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja; | (d) is-servizzi finanzjarji marbuta mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' Titoli jew strumenti finanzjarji oħra skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ***partikolarment tranżazzjonijiet mill-awtoritajiet kuntrattwali għall-akkwist ta' flus jew kapital,*** is-servizzi tal-bank ċentrali u l-operazzjonijiet imwettqa mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja; |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-self mill-awtoritajiet lokali m'għandux jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. M'hemm l-ebda ħtieġa regolatorja min-naħa tal-UE għall-proċedura tal-akkwist bis-self mill-awtoritajiet lokali, minħabba li l-liġi baġitarja lokali nazzjonali tinkludi speċifikazzjonijiet ċari dwar l-ammissibilità tas-self.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-servizzi awdjoviżivi tal-midja msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu *għandu jinkludi* kwalunkwe *trasmissjoni* u distribuzzjoni permezz ta' kwalunkwe forma ta' netwerk elettroniku. | Is-servizzi ***tal-awdjo u*** awdjoviżivi tal-midja msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu *għandhom jinkludu* kwalunkwe *trażmissjoni* u distribuzzjoni permezz ta' kwalunkwe forma ta' netwerk elettroniku. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, għandhom jiġu speċifikati f'dan il-paragrafu mhux biss is-servizzi awdjoviżivi iżda wkoll dawk awdjo tal-midja.*

.

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-dettalji tal-kuntratti pubbliċi għandhom jiġu ppubblikati.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Paragrafi 1 u 2 ma għandhomx iwaqqfu d-divulgazzjoni pubblika ta' kuntratti ladarba jiġu konklużi inkluża kwalunkwe bidla sussegwenti.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti pubbliċi permezz ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel fil-każijiet stipulati fil-paragrafi *(2)* sa *(5)*: | 1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti pubbliċi permezz ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel fil-każijiet stipulati fil-paragrafi *2* sa *5*: ***F'dak il-każ l-awtoritajiet kontraenti jridu jipprovdu lill-korp ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 84 rapport dettaljat b'ġustifikazzjoni adegwata.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba għal parteċipazzjoni ma ġiet sottomessa bħala tweġiba għal | (a) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba għal parteċipazzjoni ma ġiet sottomessa bħala tweġiba għal |

| | |
|---|---|
| proċedura miftuħa jew proċedura ristretta, dejjem jekk il-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt mhumiex ***sostanzjalment*** modifikati ***u li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni jew lill-korp ta' sorveljanza nazzjonali magħżul skont l-Artikolu 84, fejn jitolbu dan***. | proċedura miftuħa jew proċedura ristretta, dejjem jekk il-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt mhumiex modifikati. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 43 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jawtorizzaw lill-offerenti sabiex jissottomettu varjanti. Fl-avviż dwar kuntratt jew, fejn jintuża avviż informattiv minn qabel bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni, fl-istedina għall-konferma tal-interess, għandhom jindikaw jekk jawtorizzawx il-varjanti jew le. Il-varjanti ma għandhomx jiġu awtorizzati mingħajr indikazzjoni bħal din. | 1. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jawtorizzaw lill-offerenti sabiex jissottomettu varjanti ***li ma jaqbżux 1/6 tal-prezz totali miftiehem***. Fl-avviż dwar kuntratt jew, fejn jintuża avviż informattiv minn qabel bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni, fl-istedina għall-konferma tal-interess, għandhom jindikaw jekk jawtorizzawx il-varjanti jew le. Il-varjanti ma għandhomx jiġu awtorizzati mingħajr indikazzjoni bħal din. |

*Ġustifikazzjoni*

*Użu ħażin tal-varjanti jaf ifixkel il-kompetizzjoni u joħloq problemi ta' ċertezza legali. Jitqies utli li tiddaħħal dispożizzjoni speċifika bil-għan li jiġi previst prezz massimu miftiehem għall-varjanti bħala rekwiżit minimu predefinit mill-awtoritajiet kontraenti. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali toffri parametri ta' riferiment b'tali mod li tikkonferma l-effikaċja ta' tali dispożizzjoni.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kuntratti pubbliċi jistgħu jinqasmu f'lottijiet omoġeni jew eteroġeni. Għal kuntratti b'valur ekwivalenti għal jew ikbar mil-limiti minimi pprovduti fl-Artikolu 4 | 1. Il-kuntratti pubbliċi jistgħu jinqasmu f'lottijiet omoġeni jew eteroġeni. Għal kuntratti b'valur ekwivalenti għal jew ikbar mil-limiti minimi pprovduti fl-Artikolu 4 |

| | |
|---|---|
| iżda li ma humiex inqas minn EUR 500 000, determinati skont l-Artikolu 5, ***meta*** l-awtorità kontraenti ***ma tqisx xieraq li jinqasmu f'lottijiet,*** għandha tipprovdi fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess spjegazzjoni speċifika tar-raġunijiet tagħha. | iżda li ma humiex inqas minn EUR 500 000, determinati skont l-Artikolu 5, l-awtorità kontraenti għandha tipprovdi fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess spjegazzjoni speċifika tar-raġunijiet tagħha ***rigward it-tqassim jew in-nuqqas ta' tqassim f'lottijiet***. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tqassim tal-kuntratti f'lottijiet irid jiġi vvalutat minn qabel u b'mod sistematiku minn naħa tal-awtorità kontraenti bil-għan li jiġi evitat rikors diskriminat għal dan il-kunċett. Għalhekk, kemm it-tqassim f'lottijiet kif ukoll in-nuqqas ta' tqassim iridu jkunu ġustifikati; Min-naħa l-oħra, fil-formulazzjoni attwali, id-deċiżjoni biex ma jkunx hemm tqassim f'lottijiet trid tiġi ġustifikata.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 49 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-avviżi msemmija fl-Artikolu 46(2) u l-Artikolu 47 għandhom jiġu ppubblikati sħaħ f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif magħżul mill-awtorità kontraenti. Dik il-verżjoni b'dik il-lingwa għandha tikkostitwixxi l-uniku test awtentiku. ***Sommarju tal-elementi importanti ta' kull avviż għandu jiġi ppubblikati fil-lingwi uffiċċjali l-oħra.*** | 3. L-avviżi msemmija fl-Artikolu 46(2) u l-Artikolu 47 għandhom jiġu ppubblikati sħaħ f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif magħżul mill-awtorità kontraenti. Dik il-verżjoni b'dik il-lingwa għandha tikkostitwixxi l-uniku test awtentiku. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 53 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) lil kull offerent li għamel offerta ammissibbli bit-twettiq u l-progress tan-negozjati u d-djalogu mal-offerenti.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 89 sabiex ***temenda*** l-lista fl-Anness XI, fejn dan ikun neċessarju minħabba l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ġodda jew l-emendar ta' ftehimiet internazzjonali eżistenti. | 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 89 sabiex ***tikkumplimenta*** l-lista fl-Anness XI, fejn dan ikun neċessarju minħabba l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ġodda jew l-emendar ta' ftehimiet internazzjonali eżistenti. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) il-parteċipazzjoni fl-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin u t-tħaddim tat-tfal skont id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[1]*** <br>____________ <br>***[1] ĠU L 101, 15.4.2011, p.1.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 55 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – test introduttorju**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Awtorità kontraenti ***tista'*** teskludi lil kwalunkwe attur milli jieħu sehem f'kuntratt pubbliku jekk tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | 3. Awtorità kontraenti ***għandha*** teskludi lil kwalunkwe attur milli jieħu sehem f'kuntratt pubbliku jekk tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhumiex obbligati li jimponu l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafi 2, 3 u 4***, iżda ma għandhomx*** jipprovdu rekwiżiti oħra għajr dawk elenkati. | Mhumiex obbligati li jimponu l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafi 2, 3 u 4 ***u jistgħu*** jipprovdu rekwiżiti oħra għajr dawk elenkati. |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 56 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-abilità teknika u professjonali, l-awtoritajiet kontraenti ***jistgħu*** jeħtieġu li l-atturi ekonomiċi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa sabiex iwettqu l-kuntratt bi standard xieraq ta' kwalità. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu li l-atturi ekonomiċi mhumiex se ***jwettqu l-kuntratt bi standard xieraq ta' kwalità*** fejn l-awtorità kontraenti stabbilixxiet li dawn għandhom kunflitti ta' interessi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-twettiq tal-kuntratt. | Fir-rigward tal-abilità teknika u professjonali, l-awtoritajiet kontraenti ***għandhom*** jeħtieġu li l-atturi ekonomiċi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa sabiex jiżguraw il-prestazzjoni ta' kuntratt bi standard xieraq ta' kwalità***, u jekk mitlub mill-awtorità kontraenti, skont kwalunkwe klawżola tal-prestazzjoni tal-kuntratt speċifikata skont l-Artikolu 70***. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu li l-atturi ekonomiċi mhumiex se ***jiżguraw il-prestazzjoni meħtieġa*** fejn l-awtorità kontraenti stabbilixxiet li dawn għandhom kunflitti ta' interessi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-twettiq tal-kuntratt. |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 62 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-qagħda ekonomika u finanzjarja kif stabbilit skont l-Artikolu 56(3), u l-kriterji relatati mal-abilità teknika jew | 1. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-qagħda ekonomika u finanzjarja kif stabbilit skont l-Artikolu 56(3), u l-kriterji relatati mal-abilità teknika jew |

| | |
|---|---|
| professjonali kif stabbilit skont l-Artikolu 56(4), *attur* ekonomiku jista', fejn dan ikun xieraq u għal kuntratt partikolari, jafda fuq il-kapaċitjiet ta' entitajiet oħra, ***irrelevantement min-natura*** legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ, għandu juri lill-awtorità kontraenti li huwa se jkollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni, pereżempju, billi jippreżenta impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan. ***Fil-każ tal-qagħda ekonomika u finanzjarja,*** l-awtoritajiet kontraenti ***jistgħu*** jeħtieġu li *l-attur* ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod konġunt mit-twettiq tal-kuntratt. | professjonali kif stabbilit skont l-Artikolu 56(4), *operatur* ekonomiku jista', fejn dan ikun xieraq u għal kuntratt partikolari, jafda ***biss*** fuq il-kapaċitjiet ***materjali*** ta' entitajiet oħra, ***mingħajr ma jittraskura n-natura*** legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ, għandu juri lill-awtorità kontraenti li huwa se jkollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni, pereżempju, billi jippreżenta impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan. L-awtoritajiet kontraenti jeħtieġu li *l-operatur* ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod konġunt mit-twettiq tal-kuntratt. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u ekonomika fl-aġġudikatura u t-twettiq tal-kuntratt, jitqies neċessarju li jiġi llimitat ir-rikors għall-akkwist tar-rekwiżiti ta' natura materjali biss u li tissaħħaħ ir-responsabilità konġunta bejn l-operatur ekonomiku u l-entitajiet l-oħra li jingħaqad magħhom sabiex jitwettaq il-kuntratt, li tagħmilha obbligatorja. Id-disponibilità tar-riżorsi tista' toħroġ biss minn relazzjoni legali bejn il-parti li qed tgawdi minn din is-sitwazzjoni u l-kumpanija li qed tappoġġja.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-ħtiġijiet tal-avvaliment m'għandhomx jintużaw kontestwalment mill-fornitur u mill-utent.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw | 1. Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw |

| | |
|---|---|
| ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, il-kriterji li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuqhom għandhom ikunu ***waħda minn dawn li ġejjin:*** | ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, il-kriterji li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuqhom għandhom ikunu ***dawk bl-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.*** |
| ***(a) l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża;*** | |
| ***(b) l-aktar spiża baxxa.*** | |
| ***L-ispejjeż jistgħu jiġu valutati, skont l-għażla tal-awtorità kontraenti, fuq il-bażi tal-prezz biss jew billi jintuża approċċ tal-kosteffiċenza, bħall-approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 67.*** | |
| 2. ***Mill-punt ta' vista tal-awtorità*** kontraenti***,*** l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża msemmija ***fil-putn (a) tal-paragrafu*** 1 għandha ***tiġi identifikata*** fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. | 2. ***L-awtorità*** kontraenti ***tivvaluta*** l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża msemmija ***fil-paragrafu*** 1 għandha fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. **.** |
| Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż ***imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1***, kriterji oħrajn marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni***, bħal:*** | Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż, kriterji oħrajn marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni**.** |
| | ***L-ispejjeż għandhom jiġu valutati b'approċċ tal-kosteffiċenza, bħall-approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 67.*** |
| | ***Il-kriterju ta' Prezz/Spiża jista' jkun il-kriterju ta' għoti deċiżiv fil-każ ta' prodotti u servizzi standardizzati li l-kontenut tagħhom ma jistax jiġi determinat minn qabel skont in-natura tiegħu stess.*** |
| | ***Il-kriterji l-oħra jistgħu jinkludu b'mod partikolari:*** |
| *(*a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi ambjentali u l-karattru | a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi ambjentali u ***soċjali, u*** l- |

| | |
|---|---|
| innovattiv**.** | karattru innovattiv***;*** |
| (b) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħlijiet, ***jistgħu jkunu*** kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni, bil-konsegwenza li, wara l-għoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni u kwalità ekwivalenti; | (b) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħlijiet, ***jiġu*** kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni, bil-konsegwenza li, wara l-għoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni u kwalità ekwivalenti; |
| (c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija; | (c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija; |
| (d) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fil-punt (22) tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkaratterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba. | (d) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fil-punt (22) tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkaratterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba. |
| ***3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dak l-għoti ta' ċerti tipi ta' kuntratti għandu jkun ibbażat fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2.*** | |
| 4. ***Il-kriterji tal-għoti ma għandhomx jagħtu lill-awtorità kontraenti libertà mingħajr restrizzjonijiet għall-għażla***. ***Għandhom*** jiżguraw il-possibilità ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom ikunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li tiġi verifikata b'mod effettiv dik l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv jekk l-offerti jissodisfawx il-kriterji tal-għoti fuq il-bażi | 4. ***Il-kriterji tal-għoti*** jiżguraw il-possibilità ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom ikunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li tiġi verifikata b'mod effettiv dik l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv jekk l-offerti jissodisfawx il-kriterji tal-għoti fuq il-bażi tal-informazzjoni u l-provi pprovduti mill-offerenti. |

tal-informazzjoni u l-provi pprovduti mill-offerenti.

| | |
|---|---|
| 5. ***Fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1,*** fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża. | 5. Fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża. |
| Dawk il-koeffiċjenti jistgħu jkunu espressi billi tkun provduta sensiela b'firxa massima adattata. | Dawk il-koeffiċjenti jistgħu jkunu espressi billi tkun provduta sensiela b'firxa massima adattata. |
| Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-awtorità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni dixxendentali ta' importanza. | Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-awtorità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni dixxendentali ta' importanza. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 67 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kull meta, permezz ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni, tiġi adottata metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż permezz ta' atti ddelegati skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, din għandha tiġi applikata ***fejn il-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja jkun inkluż fil-kriterji*** tal-għoti msemmija fl-Artikolu 66(1). | 3. Kull meta, permezz ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni, tiġi adottata metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż permezz ta' atti ddelegati skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, din għandha tiġi applikata ***skont il-kriterju*** tal-għoti msemmija fl-Artikolu 66(1). |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 69 – Paragrafi 1 sa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jeħtieġu li l-atturi ekonomiċi jispjegaw il-prezz jew l-ispejjeż mitlubaż, fejn jiġu sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** | ***1. L-awtorità kontraenti tispeċifika fl-avviż li t-tnaqqis massimu possibbli ma jistax jaqbeż il-25% tal-ammont imqiegħed fl-offerta.*** |
| ***a) il-prezz jew l-ispejjeż mitluba ikunu aktar minn 50 % orħos mill-prezzijiet jew l-ispejjeż medji tal-offerti li jifdal*** | ***L-awtoritajiet kontraenti għandhom jesiġu li l-atturi ekonomiċi jispjegaw il-prezz jew l-ispejjeż mitluba, fejn il-prezz jew l-ispiża applikata taqbeż il-25% inqas mill-prezz jew l-ispejjeż medji tal-offerti li jifdal.*** |
| ***(b) il-prezz jew l-ispiża mitluba jkunu aktar minn 20 % orħos mill-prezz jew l-ispejjeż tat-tieni l-irħas offerta;*** | |
| ***(c) ġew sottomessi tal-inqas ħames offerti.*** | |
| 2. Fejn l-offerti jkunu jidhru baxxi wisq għal raġunijiet oħra, l-awtoritajiet kontraenti ***jistgħu*** jitolbu spjegazzjoni għal dan ***ukoll***. | 2. Fejn l-offerti jkunu jidhru baxxi wisq għal raġunijiet oħra, l-awtoritajiet kontraenti ***għandhom*** jitolbu spjegazzjoni għal dan. |
| 3. L-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ***jistgħu jkunu*** relatati ***b'mod partikolari*** ma': | 3. L-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ***huma*** relatati ma': |
| (a) l-ekonomija tal-metodu ta' kostruzzjoni, tal-proċess ta' manifattura jew tas-servizzi pprovduti; | (a) l-ekonomija tal-metodu ta' kostruzzjoni, tal-proċess ta' manifattura jew tas-servizzi pprovduti; |
| (b) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula jew kwalunkwe kundizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għall-offerent għat-twettiq tax-xogħol jew għall-forniment tal-prodotti jew servizzi; | (b) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula jew kwalunkwe kundizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għall-offerent għat-twettiq tax-xogħol jew għall-forniment tal-prodotti jew servizzi; |
| (c) l-oriġinalità tax-xogħol, tal-provvisti jew tas-servizzi proposti mill-offerent; | (c) l-oriġinalità tax-xogħol, tal-provvisti jew tas-servizzi proposti mill-offerent; |
| (d) konformità***, għall-inqas b'mod ekwivalenti,*** mal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol jew tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl- | (d) konformità mal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol jew tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI jew, fejn dawn ma jkunux |

| | |
|---|---|
| Anness XI jew, fejn dawn ma jkunux applikabbli, ma' dispożizzjonijiet oħrajn li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni; | applikabbli, ma' dispożizzjonijiet oħrajn li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni; |
| (e) il-possibilità li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat. | (e) il-possibilità li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 71 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ***fuq*** talba ***tas-sottokuntrattur*** u fejn in-natura tal-kuntratt tkun tippermetti dan, l-awtorità kontraenti għandha tittrasferixxi l-ħlasijiet dovuti direttament lis-sottokuntrattur għas-servizzi, il-provvisti jew ix-xogħlijiet pprovduti lill-kuntrattur prinċipali. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi xierqa li jippermettu lill-kuntrattur prinċipali sabiex joġġezzjona għal ħlasijiet mhux dovuti. L-arranġamenti li jikkonċernaw dak il-mod ta' ħlas għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist. | 2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li***, jekk issir*** talba ***mis-sottokuntrattur*** u fejn in-natura tal-kuntratt tkun tippermetti dan, l-awtorità kontraenti għandha tittrasferixxi l-ħlasijiet dovuti direttament lis-sottokuntrattur għas-servizzi, il-provvisti jew ix-xogħlijiet pprovduti lill-kuntrattur prinċipali. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi xierqa li jippermettu lill-kuntrattur prinċipali sabiex joġġezzjona għal ħlasijiet mhux dovuti. L-arranġamenti li jikkonċernaw dak il-mod ta' ħlas għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħlas dirett għandu l-ewwel jiġi kkunsidrat biss fuq talba tas-*sottokuntrattur *u mhux fil-każijiet kollha fejn in-natura tal-kuntratt tkun tippermetti dan. It-talba li l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu ħlas dirett għas-*sottokuntratturi *kollha fejn in-natura tal-kuntratt tkun tippermetti dan huwa ta' piż amministrattiv li mhux l-awtoritajiet kollha jistgħu jamministraw.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 72 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn il-valur ta' modifika jista' jingħata | 4. Fejn il-valur ta' modifika jista' jingħata |

| | |
|---|---|
| f'termini monetarji, il-modifika ma għandhiex titqies bħala sostanzjali fit-tifsira tal-paragrafu 1, fejn il-valur tagħha ma jaqbiżx il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4 u fejn ikun inqas minn ***5 %*** tal-prezz tal-kuntratt inizjali, dejjem jekk il-modifika ma tibdilx in-natura ġenerali tal-kuntratt. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi valutat fuq il-bażi tal-valur kumulattivi tal-modifiki suċċessivi. | f'termini monetarji, il-modifika ma għandhiex titqies bħala sostanzjali fit-tifsira tal-paragrafu 1, fejn il-valur tagħha ma jaqbiżx il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4 u fejn ikun inqas minn ***10 %*** tal-prezz tal-kuntratt inizjali, dejjem jekk il-modifika ma tibdilx in-natura ġenerali tal-kuntratt. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi valutat fuq il-bażi tal-valur kumulattivi tal-modifiki suċċessivi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex l-awtoritajiet kontraenti ma jiġux limitati wisq u jintefa piż fuq il-proċedura b'proċeduri ġodda tal-kuntratti għall-istess xogħol jew servizz, huwa meqjus xieraq li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni preżenti u jiġi previst li bidla fil-kuntratt, sabiex titqies mhux sostanzjali u għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' proċedura ġdida tal-kuntratti, ma taqbiżx l-10% tal-prezz tal-kuntratt inizjali.*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 75 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Awtoritajiet kontraenti li beħsiebhom jagħtu kuntratt pubbliku għas-servizzi msemmija fl-Artikolu 74 jridu jħabbru l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż dwar kuntratt.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 75 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-avviżi msemmija ***fil-paragrafi 1 u*** 2 għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Annessi VI ***PART H u I, skont il-forom standard***. | 3. L-avviżi msemmija ***fil-paragrafu*** 2 għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Annessi VI ***Parti I***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 75 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Il-Kummissjoni għandha għandha tistabbilixxi l-forom standard. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu aodttati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 91.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 75 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. L-avviżi msemmija ***fil-paragrafi 1 u*** 2 għandhom jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 49. | 4. L-avviżi msemmija ***fil-paragrafu*** 2 għandhom jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 49. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 76 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiżguraw il-kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibilità, id-disponibilità u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, l-involviment u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi ma għandhiex tittieħed fuq il-bażi unika tal-prezz għall-forniment tas-servizz. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kontraenti jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiżguraw il-kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibilità, id-disponibilità u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, l-involviment u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni ***u l-protezzjoni tal-konsumaturi u l-inklużjoni soċjali***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi ma għandhiex tittieħed fuq il-bażi unika tal-prezz għall-forniment tas-servizz. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 76 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu iħallsu bis-sħiħ lill-kummerċjanti u jiżguraw li l-istess awtoritajiet jikkostitwixxu preventivament għodda xierqa ta' garanzija li tħares il-kreditu tal-kummerċjant.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jistax jiġi ttollerat aktar l-istat fit-tul tal-inadempjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-konfront tan-negozji privati tax-xogħlijiet u tas-servizzi. L-istabbiliment ta' strument ta' garanzija xieraq għall-ħarsien tal-kreditu li n-negozjant isostni wara t-twettiq tax-xogħol jista' jikkostitwixxi strument indispensabbli bl-iskop li jiggarantixxi l-ħlas effettiv.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-Istati*** Membri għandhom jagħżlu korp indipendenti wieħed responsabbli mis-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ '***il-korp*** ta' sorveljanza'). L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-għażla tagħhom. | 1. ***Bi qbil mal-istruttura nazzjonali jew federali tagħhom, l-Istati*** Membri għandhom jagħżlu korp indipendenti wieħed ***jew aktar*** responsabbli mis-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem jissejħu '***l-korpi*** ta' sorveljanza'). L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-għażla tagħhom. |
| | ***Dawk l-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ korpi indipendenti jistgħu jżommu dawn il-korpi sakemm dawn iwettqu r-responsabilitajiet kollha ddikjarati hawn taħt.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) li jipprovdi parir legali lil awtoritajiet kontraenti dwar l-interpretazzjoni tar-regoli u l-prinċipji tal-akkwist pubbliku u dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku f'każijiet speċifiċi;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-servizzi legali dejjem kienu u għadhom koperti minn relazzjoni fiduċjarja mal-uffiċjal professjonali li hija bbażata fuq il-kapaċità professjonali effettiva ta' dan tal-aħħar u ggarantita mir-regoli riġidi tal-etika professjonali. Għalhekk ma jistgħux jintefgħu fuq entita pubblika ta' sorveljanza jew jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li ***joħroġ opinjonijiet u*** gwida ***ta' inizjattiva proprja*** dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku, dwar kwistjonijiet rikorrenti u dwar diffikultajiet sistemiċi relatati mal-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u tal-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; | (c) li ***jitfasslu linji*** gwida dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku, dwar kwistjonijiet rikorrenti u dwar diffikultajiet sistemiċi relatati mal-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u tal-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni l-ġdida proposta hija aktar pertinenti għall-mandat tal-entità, li trid tinħatar biex tissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġijiet previsti.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) li jistabbilixxi u japplika sistemi ta' indikaturi ta' twissija komprensivi u azzjonabbli li jipprevjenu, jidentifikaw u jirrapportaw b'mod adegwat każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji oħra fl-akkwist; | (d) li jistabbilixxi u japplika sistemi ta' indikaturi ta' twissija komprensivi u azzjonabbli ***u ta' monitoraġġ*** li jipprevjenu, jidentifikaw u jirrapportaw b'mod adegwat każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji oħra fl-akkwist ***kif ukoll ksur speċifiku tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 54, 55 u 71***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) li jeżamina r-relazzjoni mibgħuta lilha mill-awtoritajiet kontraenti li beħsiebhom jirrikorru għal proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni;*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-korp ta' sorveljanza sabiex jieħu taħt idejh il-ġurisdizzjoni kompetenti skont il-liġi nazzjonali għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti meta jkun identifika ksur matul l-attività ta' monitoraġġ ***u ta' konsulenza legali*** tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-korp ta' sorveljanza sabiex jieħu taħt idejh il-ġurisdizzjoni kompetenti skont il-liġi nazzjonali għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti meta jkun identifika ksur matul l-attività ta' monitoraġġ ***jew meta jeżamina r-rapporti provduti mill-awtoritajiet kontraenti skont l-Artikolu 30***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 87 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni strutturi ta' appoġġ tekniku sabiex jipprovdu parir legali u ekonomiku, gwida u assistenza lill-awtoritajiet kontraenti fit-tħejjija u t-twettiq tal-proċeduri ta' akkwist. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li kull awtorità kontraenti tista' tikseb assistenza kompetenti u konsulenza dwar kwistjonijiet individwali. | 1. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni strutturi ta' appoġġ tekniku sabiex jipprovdu parir legali u ekonomiku, gwida u assistenza lill-awtoritajiet kontraenti fit-tħejjija u t-twettiq tal-proċeduri ta' akkwist. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li kull awtorità kontraenti tista' tikseb assistenza kompetenti u konsulenza dwar kwistjonijiet individwali***, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 54, 55 u 71***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Anness XI – inċiż 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-Konvenzjoni 94 dwar Klawżoli tax-Xogħol fil-Kuntratti Pubbliċi;*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-akkwist pubbliku |
| **Referenzi** | COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>17.1.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>17.1.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Giuseppe Gargani<br>13.2.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 26.4.2012 30.5.2012 19.6.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 13<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Gerald Häfner, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Piotr Borys, Eva Lichtenberger, József Szájer, Axel Voss |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sylvie Guillaume, Salvatore Tatarella |